# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 15 ta' April, 2021**

**Numru 12**

**Rikors Numru 1172/20TA**

**Zara Cassar**
**(K.I. nru. 206008(L))**

**vs**

**Cutrico Limited**
**(C55486)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Zara Cassar (l-Attriċi) tal-4 ta' Diċembru 2020 li permezz tiegħu ippremettiet u talbet is-segwenti:

"<u>Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża</u>

1. Permezz ta' kuntratt konkluż fl-4 ta' Lulju 2019, wara sejħa għall-offerti datata t-2 t'Awwissu 2019, u liema kuntratt huwa ntitolat 'DHW and HVAC Works Agreement' (Dok. A), ir-rikorrenti ingaġġjat lill-intimata sabiex tissuplixxi, tinstalla, tikkummissjona *inter alia*, sistema ta' *heating, ventilation* u *air-conditioning* (HVAC) fil-propjeta` appartenenti lir-rikorrenti, ossia l-*boutique hotel* fi Triq Birkirkara *c/w* Triq Arch. Romero, f'San Ġiljan.

2. Hekk kif, f'Lulju tas-sena 2020, ġiet kompletata l-istallazzjoni tas-sistema surriferita, li kienet tikkonsisti fl-installar ta' diversi *units* esterni u interni (dawn tal-aħħar *encased* ġewwa s-suffitti tal-kmamar rispettivi tal-lukanda), irriżulta illi s-sistema surriferita, fis-sulari numru wieħed (1) sa sitta (6), u bl-esklużjoni tar-*reception* u l-*penthouse*, ma kenitx qiegħda tiffunzjona (Dok. B). Wara ġimgħat ta' spezzjonijiet u *testing* irriżulta li s-sistema fis-sulari msemmija ma kenitx sejra tiffunzjona – difetti li s'intendi ma kienux jidhru. Qabel il-commissioning tas-sistema de quo r-rikorrenti assolutament ma setgħetx tkun taf bid-difett.

3. Għas-sistema surriferita l-intimata qiegħda titlob il-bilanċ ta' dsatax-il elf erba' mija u ħdax-il Euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (EUR 19,411.54)(Dok C).

4. Tali malfunzjonament, u allura difett, għamlu lil din is-sistema mhux tajba għall-użu illi għaliha kienet maħsuba u akkwistata biex b'hekk ir-rikorrenti jispettalha l-jedd li tagħti lura s-sistema surriferita u titlob ir-radd lura tal-prezz.

5. Dan kollu ikkawża, u għadu qiegħed jikkawża, danni lill-esponenti, inkluż (iżda mhux limitati) f'dawn id-danni l-akkwist u stallazzjoni ta' sistemi u/jew apparat ta' *heating, ventilation* u *air-conditioning* ġodda, xogħolijiet riparatorji fil-finituri tad-diversi ambjenti fil-*boutique hotel* in kwistjoni u telf ta' qliegħ; dan kif se jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża odjerna.

6. It-trattattivi bejn il-kontendenti ma ħallewx frott tant illi permezz ta' rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni mressaq fid-9 ta' Ottubru 2020 (riferenza numru 1389/20 FDP), l-intimata talbet illi r-rikorrenti tiġi inibita milli "*timmodifika, iżżarma, taqla u/jew tneħħi b'xi mod jew ieħor, sia personalment jew tramite terzi, kwalunkwe element formanti parti mis-sistema ta' ventilazzjoni w arja kkundizzjonata tad-ditta Toshiba [concealed and multi-split units] supplita u installata mis-soċjeta` rikorrenti fuq talba tal-intimata stess ġewwa l-fond bl-indirizz J'me Boutique Hotel, Triq Birkirkara c/w Triq Arch Romero, San Ġiljan, Malta, inkluż kwalunke units interni kif ukoll dawk esterni li tantieħor jiffurmaw parti integrali mill-istess sistema*". Dan ir-rikors ġie miċħud, bl-ispejjeż, permezz ta' digriet datat 5 ta' Novembru 2020 (Dok. D).

7. Ir-rikorrenti Zara Cassar taf b'dawn il-fatti kollha personalment.

<u>Raġuni tat-Talba</u>

1. Għaldaqstant kellhom jiġu istitwiti dawn il-proċeduri.

<u>Talbiet</u>

Tgħid għalhekk l-intimata, 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. Tiddikjara illi s-sistema ta' *heating, ventilation* u *air-conditioning* (HVAC) akkwistata mir-rikorrenti u stallata fil-propjeta` appartenenti lill-istess, ossia l-*boutique hotel* fi Triq Birkirkara *c/w* Triq Arch. Romero, f'San Ġiljan kienet afflitta minn difetti, fosthom dawk li ma setgħux jidhru, illi jagħmluha mhux tajba għall-użu li għaliha kienet maħsuba u akkwistata.

2. Tiddikjara illi l-intimata b'hekk kisret il-kundizzjonijiet pattwiti bejn il-kontendenti dwar il-bejgħ, kunsinna u stallazzjoni tas-sistema ta' *heating*, *ventilation* u *air-conditioning* (HVAC) akkwistata mir-rikorrenti u stallata fil-propjeta` appartenenti lill-istess, ossia l-*boutique hotel* fi Triq Birkirkra *c/w* Triq Arch. Romero, f'San Ġiljan.

3. Tirrixxendi l-bejgħ (li sar permezz ta' kuntratt konkluż fl-4 ta' Lulju 2019) tal-istess sistema ta' *heating*, *ventilation* u *air-conditioning* (HVAC) akkwistata mir-rikorrenti u stallata fil-propjeta` appartenenti lill-istess, ossia l-*boutique hotel* fi Triq Birkirkara *c/w* Triq Arch. Romero, f'San Ġiljan, u konsegwentement tawtorizza lir-rikorrenti trodd lura l-istess sistema lill-intimata, b'dana pero` illi fl-istess waqt: (a) tikkundanna lill-intimata trodd lir-rikorrenti s-somma minnha diġa mħallsa akkont tal-istess sistema; u (b) tiddikjara illi ebda bilanċ ma huwa dovut mir-rikorrenti lill-intimata versu l-akkwist tas-sistema mertu tal-proċeduri odjerni.

4. Tiddikjara illi l-intimata għandha twieġeb għad-danni u l-ispejjeż mġarrba mir-rikorrenti ħtija tal-istess intimata, kif fuq intqal, tillikwida l-istess danni u spejjeż, u tordna lill-intimata sabiex tħallas id-danni u spejjeż hekk likwidati.

Bl-imgħax legali, bl-ispejjeż u b'riżerva ta' kwalunkwe azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti, kontra l-intimata, minn issa nġunta għas-subizzjoni."

Rat li l-imsemmi rikors ġuramentat ġie notifikat lis-Soċjeta' Cutrico Limited (is-Soċjeta' konvenuta) fis-12 ta' Frar 2021 u fis-17 ta' Frar 2021 presentat rikors ai termini tal-artikolu 15(3) tal-Kap 387 tal-liġijiet ta' Malta li permezz tiegħu ippremettiet u talbet is-segwenti:

"Illi dan ir-rikors qiegħed jitressaq a tenur tal-artikolu 15 (3) tal-Att dwar l-Arbitraġġ (Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta), bla ħsara għal kwalunkwe eċċezzjoni li l-esponenti tista' eventwalment tressaq kemm fi proċeduri arbitrali (f'każ li dan ir-rikors jintlaqa') u kemm jekk b'risposta ġuramentata (f'każ illi din il-Qorti tiċħad it-talba).

Illi l-esponenti tirreferi għall-ftehim bejn il-partijiet li huwa l-bażi tal-vertenza odjerna, ossia id-*DHW and HVAC Works Agreement*, partikolament il-klawżola 1.7 *a fol* 10 tal-proċess li tgħid kif ġej:

> The Parties undertake that, in the event that any dispuse arises in relation to the correct application, interpretation and construction of this Agreement, the [*sic*] shall endeavour to reach an amicable solution thereto and in the even [*sic*] that this is not possible, the Parties undertake to resolve any such dispute be recourse [*sic*] to arbitration as provided for under Cap. 387 of the Laws of Malta.

Illi huwa sottomess illi b'applikazzjoni ta' din il-klawżola arbitrali, dina l-Onorabbli Qorti għandha twaqqaf il-proċedimenti quddiemha fl-ismijiet premessi, u tissopprassjedi sakemm il-vertenza bejn il-partijiet tiġi riferuta għal arbitraġġ skont il-liġi u skont il-ftehim bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, is-soċjeta' esponenti titlob bir-rispett sabiex dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha twaqqaf il-proċedimenti quddiemha fl-ismijiet premessi, filwaqt illi tagħti kwalunkwe provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun."

Rat li l-imsemmi rikors ġie notifikat lill-Attriċi u permezz ta' risposta tat-8 ta' Marzu 2021 wieġbet hekk:

"1. Din hija r-risposta ta' Zara Cassar għar-rikors imressaq minn Cutrico Limited tas-17 ta' Frar 2021.

2. Ir-rikors odjern tressaq ai termini tal-art. 15(3) tal-Kap. 397 tal-Liġijiet ta' Malta; dan l-artiklu illi:-

> *(3) Minkejja kull dispożizzjoni li hemm fil-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili jekk parti fi ftehim ta' arbitraġġ, jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgħa tal-parti, tibda xi proċedimenti legali f'qorti kontra kull parti oħra fil-ftehim ta' arbitraġġ jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgħa ta' dik il-parti, dwar kull ħaġa miftehma li tiġi riferita għall-arbitraġġ, kull parti f'dawk il-proċedimenti legali tista' f'kull żmien qabel ma tressaq xi eċċezzjonijiet jew tmexxi mod ieħor fil-proċedimenti, titlob lil dik il-qorti li twaqqaf il-proċedimenti, u dik il-qorti jew imħallef tagħha, kemm-il darba ma jkunx sodisfatt li l-ftehim ta' arbitraġġ ikun sar inoperattiv jew ma jistax jitkompla, għandha tordna li jitwaqqfu l-proċedimenti. Rikors jista' jsir minkejja li l-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-arbitraġġ biss wara li jiġu eżawriti proċeduri oħra ta' riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet.*

3. L-esponenti **ma taqbilx mat-tezi proposta mill-intimata**, u cioe` li l-vertenza għandha tiġi riferuta lil Tribunal Arbitrali.

4. In linja ta' prinċipju, kif traċċjat mill-Qrati tagħna, "*qualunque clausola di derogazione della giurisdizione dei tribunali locali e` di stretta interpretazione, per cui in caso di dubbio se fosse intesa o meno tre le parti si deve decidere per la negativa.*" (ara – Appell Ċivili – Pisani vs Consiglio noe – 15 ta' Ġunju 1931; u Appell Ċivili – Bellizzi noe vs Debono noe – 25 ta' Ġunju 1937).

5. Imbagħad tajjeb jiġi rilevat illi l-art. 742 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jirregola l-ġurisdizzjoni tal-qrati tagħna ġie emendat bl-art. 283 tal-Att XXIV tal-1995 fejn ġew introdotti s-subinċiżi (3) u (4) li jaqraw hekk:-

> *(3) Il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili mhijiex eskluża mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta' arbitraġġ bejn il-partijiet, sew jekk il-proċedimenti ta' arbitraġġ ikunu nbdew jew le, f'liema każ il-qorti, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi li tirregola l-arbitraġġ, għandha twaqqaf il-proċedimenti mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) u għas-setgħa li għandha l-qorti li tagħti kull ordni jew direttiva.*
>
> *(4) Meta ssir talba minn persuna li tkun parti fi ftehim ta' arbitraġġ, il-qrati jistgħu joħorġu kull att kawtelatorju, f'liema każ, jekk dik il-parti tkun għadha ma ressqitx it-talba tagħha quddiem arbitru, it-termini stabbiliti f'dan il-Kodiċi li fihom għandha tinbeda l-azzjoni dwar it-talba għandhom ikunu ta' għoxrin jum mid-data tal-ħruġ tal-att kawtelatorju.*

6. Il-Qrati Maltin konsistentement applikaw l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Mejju 1998 fil-kawża Camilleri vs Zammit noe li rriteniet hekk b'riferenza għall-artiklu 742(3):

> *"… il-ligi (fl-artikolu 742(3) kif emendat) riedet li jigi assigurat li l-gurisdizzjoni tal-qorti ta' kompetenza civili ma tkunx eskluza mill-fatt biss li jkun hemm xi ftehim ta' arbitragg bejn il-partijiet. Riedet allura tassigura li l-qrati civili jkunu jistghu u jkollhom il-kompetenza li jissindikaw il-validita` ta' tali ftehim ta' arbitragg, li kellhom id-dritt li jirregolaw il-proceduri skont kif trid il-ligi u anke li jkollhom il-kompetenza u l-gurisdizzjoni li jassiguraw l-ezegwibilita' tad-decizjonijiet arbitrali permezz ta' atti u mandat kawtelatorji, kif ukoll atti u mandati ezekuttivi. Dan ifisser illi d-disposizzjoni 742(3) ma kenitx intiza biss biex tassigura li jkunu l-qrati civili li jkollhom il-gurisdizzjoni li jirregolaw il-mod kif tali klawsoli arbitrali kellho jigu mhaddma u dana billi jkollhom il-poter li jaghmlu tajjeb u jaghtu direttivi fil-kaz li jkun hemm lakuni jew diffikultajiet fil-mod kif tali klawsoli kellhom jigu proceduralment imhaddma fil-prattika."*

(ara wkoll Malta Shipyards Ltd. Vs VPJ Ltd deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Novembru 2012).

7. Il-Qrati jibqalhom b'hekk ġurisdizzjoni konkorrenti bid-dritt li jissindikaw l-eżekuzzjoni tal-klawsoli arbitrali (Qorti tal-Appell – Xuereb vs Accountant General – 28 ta' Frar 1997; u PA/GCD – Cefai noe vs Valletta Freight Services Limited).

8. Fis-sentenza George Xuereb vs Accountant General et datata 28 ta' Frar 1997, il-Qorti ta' l-Appell kienet enunċjat illi:

> *"naturalment dan ma jfissirx li l-klawsola arbitrali fejn tapplika tista' tigi reza bla ebda effett bis-semplici rikors lil dawn il-Qrati. Ifisser pero`, li din il-Qorti ghandha l-gurisdizzjoni originali u "overiding" li tissindika wkoll l-applikazzjoni ta' l-ezekuzzjoni ta' dawn il-klawsoli arbitrali."*

9. Il-Qorti ta' l-Appell fil-każ Cobra Installations v Stephen Caruana (App. Inf. GC 8 ta' Novembru 2013), kellha okkażżjoni li tinterpreta l-artiklu 742(3) tal-Kap 12 fid-dawl tal-artiklu 15(3) tal-Kap. 387 u affermat il-ġurisdizzjoni konkorrenti tal-Qrati ordinarji ta' Malta f'dawn it-termini:

> *"L-imsemmija disposizzjonijiet kjarament jiddisponu li l-Qorti ordinarja ghandha dejjem kompetenza li tiddeciedi kwestjonijiet relatati ma ftehim li jinkorpora fih klawsola arbitrali. Ghalhekk klawsola arbitrali ma teskludix il-kompetenza tal-qorti ordinarja anke jekk ikun gia nbeda prodediment quddiem l-arbitragg. Inoltre l-qorti tista' tghati kwalunkwe ordni li jidhrilha xierqa fir-rigward tal-istess arbitragg. Jidher li l-ghan tal-imsemmi artikolu 742 (3) hu li tigi enfasizzata r-regola li fi kwalunkwe kaz hi dejjem il-qorti ordinarja li hi fdata bl-interpretazzjoni bit-thaddim ta' klawsola arbitrali. Hawnhekk ir-rwol tal-qorti principalment hu regolatorju pero` ghandha ukoll il-kompetenza li tiddeciedi kwestjoni li jistghu jkunu koperti mill-klawsola arbitrali."*

10. Għall-każ in eżami għandu jingħad li fil-każ odjern il-kwistjoni tirrisolvi ruħha fil-parametri tal-klawsola arbitrali in eżami li titratta biss "*the correct application*", "*interpretation*" u "*construction*". Għandu jkun evidenti għal din l-Onorabbli Qorti li **din il-klawsola tariġna r-riferenza lit-Tribunal Arbitrali biss u unikament f'każ ta' dubju fuq kif għandu jiġi interpretat il-ftehim bejn il-kontendenti u ma tmurx lil hinn minn dan** sabiex b'hekk id-disputa odjerna riżultanti mir-rikors ġuramentat, ma taqax fil-parametri tal-klawsola arbitrali."

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors fuq imsemmi;

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' liġi involuti fil-vertenza**

Il-kwistjoni provokata bir-rikors tas-Soċjeta konvenuta tqanqal tlett kwistjonijiet ta' natura legali. Dawn huma:

X'inhi l-posizzjoni tal-Qorti inkwantu jirrigwarda ġurisdizzjoni tagħha meta tiġi wiċċ 'imb wiċċ ma' klawsola arbitrali tax-xorta invokata mis-Soċjeta' Konvenuta in virtu ta' klawsola 1.7 tal-ftehim bejn il-partijiet tat-2 ta' Lulju 2019. Din il-klawsola tiddisponi hekk:

"*1.7. ARBITRATION*

*The governing law of this Agreement shall be the Law of Malta and any question or dispute concerning its correct application, interpretation and construction shall be resolved in terms of Maltese Law.*

*The Parties undertake that, in the event that any dispuse arises in relation to the correct application, interpretation and construction of this Agreement, the [sic] shall endeavour to reach an amicable solution thereto and in the even [sic] that this is not possible, the Parties undertake to resolve any such dispute be recourse [sic] to arbitration as provided for under Cap. 387 of the Laws of Malta*." (a' fol 10 ).

Jekk din il-klawsola għandhiex ħajja awtonoma mill-bqija tal-kuntratt innifsu meta l-inkarigu mogħti lill-kuntrattur ikun kompletat minkejja l-ilmenti tal-

kummissjonant. Fi ftit kliem, jekk l-arbitraġġ ikunx applikabbli biss meta s-servizz ikun għadu qed jingħata.

X'tikkomprendi il-kelma "dispute" fl-imsemmija klawsola fuq insemmija u x'għandha tkun l-interpretazzjoni ġusta tagħha fid-dawl ai fini tar-rikors odjern.

<u>*Ġurisdizzjoni*</u>

F'dan ir-rigward issir referenza ampja għal dak li kellha xi tgħid din il-Qorti fis-**Sentenza tal-21 ta' Mejju, 2015 fl-ismijiet Albert Muscat pro et -vs- Maltco Lotteries Limited Prim Awla, per Imħallef Lorraine Schembri Orland**. Din il-Qorti tħoss li għandha tagħmel referenza estensiva għaliex fiha ġabra tajba ħafna ta' Sentenzi oħrajn fuq din il-materja. Il-Qorti kellha hekk xi tgħid dwar il-ġurisdizzjoni tagħha f'ċirkostanzi bħal dawk fil-Kawża odjerna:

*'In linja ta` principju, kif traccjat mill-Qrati taghna, "qualunque clausola di derogazione della giurisdizione dei tribunali locali e` di stretta interpretazione, per cui in caso di dubbio se fosse intesa o meno tra le parti si deve decidere per la negativa." (ara – Appell Civili – "Pisani vs Consiglio noe" – 15 ta` Gunju 1931; u Appell Civili – "Bellizzi noe vs Debono noe" – 25 ta` Gunju 1937).*

*M'hemmx kontestazzjoni dwar il-validita' tal-klawsola arbitrali. In omagg ghall-principju tal-volonta' libera tal-partijiet, pacta sunt servanda, il-Qrati*

*taghna konsistentement irrikonoxxew il-validita' ta' klawsoli simili meta dawn jirriflettu r-rieda tal-partijiet. (Appell Civili – "Foster vs Gatt" – 27 ta` Gunju 1924 – Vol.XXX.I.1071; u qabel din, is-sentenza riportata fil-Kollezz. Vol. XXIV.I.1067; ara wkoll - Appell Kummercjali: "Vella vs Mamo noe": 13 ta` Ottubru 1994; u PA/FS: "Grech vs Cutajar et": 1 ta` Dicembru 2008).*

*Kif gie ritenut fil kaz Joseph Micallef et v Jovan Rausi noe (PAPS - dec. fis-27 ta' Ottubru 2004):-*

*"Qabel kull osservazzjoni fuq il-kontenut u l-portata ta' din il-klawsola, ghandu jinghad, b'riflessjoni ta' certa gurisprudenza, illi l-Qrati taghna ammettew il-validita`tal-klawsola arbitrali li tigi stipulata bejn il-kontraenti u li tnehhi l-gurisdizzjoni tal-Qorti, salv ir-rimedju gudizzjarju wara larbitragg, jekk ikun il-kaz. Ara Kollez. Vol. XXV P I p 1071, Vol. XXVIII P I p 674 u Vol. XXXIII P III 509. Dan ghaliex, trattasi ta' klawsola kompromissorja, il-klawsola tidderoga ghall-gurisdizzjoni ordinarja u tati lok ghall-eccezzjoni ta' inkompetenza. B' mod allura illi jekk wahda mill-partijiet tipprocedi quddiem il-qorti ordinarja l-konvenut ikollu indubbjament id-dritt jopponi l-inkompetenza u jippretendi l-gudizzju ta' larbitru jew arbitri".*

*Fil-kawża fl-ismijiet Walter Bonello Noe vs P.L Ercole Valenzia Noe deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ nhar it-30 ta' Gunju, 1948, intqal: 'Dak il-patt (il-lodo arbitrali) ma hux kuntrarju għal-liġi, għax il-Qorti tibqa' dejjem kompetenti biex tinvestiga l-validita' u l-effikaċja ta' l-arbitraġġ ..... U la darba l-patt arbitrali huwa validu, u l-Qorti ma tara ebda impossibilita' fl-osservanza*

*tiegħu ta' l-attur, ebda raguni ma hemm biex l-attur ma joqgħodx għal dak il-patt.'*

*Illi l-Art 742 tal-Kap 12, li jirregola l-gurisdizzjoni tal-qrati taghna gie emendat bl-Art 283 tal-Att XXIV tal-1995 fejn gew introdotti s-subincizi (3) u (4) li jaqraw hekk: –*

*(3) Il-gurisdizzjoni tal-qrati ta` kompetenza civili mhijiex eskluza mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta` arbitragg bejn il-partijiet, sew jekk il-procedimenti ta`arbitragg ikunu nbdew jew le, f`liema kaz il-qorti, bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta` kull ligi li tirregola l-arbitragg, ghandha twaqqaf il-procedimenti minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) u ghas-setgha li ghandha l-qorti li taghti kull ordni jew direttiva.*

*(4) Meta ssir talba minn persuna li tkun parti fi ftehim ta` arbitragg, il-qrati jistghu johorgu kull att kawtelatorju, f`liema kaz, jekk dik il-parti tkun ghadha ma ressqitx it-talba taghha quddiem arbitru, it-termini stabbiliti f`dan il-Kodici li fihom ghandha tinbeda l-azzjoni dwar it-talba ghandhom ikunu ta` ghoxrin jum mid-data tal-hrug tal-att kawtelatorju."*

*Fir-rigward tal-procedura applikabbli, ghandu jinghad li l-artiklu 15(3) introduca procedura gdida izda l-principji accettat mill-Qrati taghna ma inbidlux.*

*Il-Qrati taghna konsistentement applikaw l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-4 ta` Mejju 1998 fil-kawza "Camilleri vs Zammit noe" li irriteniet hekk b'riferenza ghall-artiklu 742(3) : –*

*"... il-ligi (fl-artikolu 742(3) kif emendat) riedet li jigi assigurat li l-gurisdizzjoni tal-qorti ta` kompetenza civili ma tkunx eskluza mill-fatt biss li jkun hemm xi ftehim ta` arbitragg bejn il-partijiet. Riedet allura tassigura li l-qrati civili jkunu jistghu u jkollhom il-kompetenza li jissindikaw il-validita` ta` tali ftehim ta`arbitragg, li kellhom id-dritt li jirregolaw il-proceduri skont kif trid il-ligi u anke li jkollhom il-kompetenza u l-gurisdizzjoni li jassiguraw l-ezegwibilita` tad-decizjonijiet arbitrali permezz ta` atti u mandat kawtelatorji, kif ukoll atti u mandati ezekuttivi. Dan ifisser illi d-disposizzjoniji 742(3) ma kenitx intiza biex tinnewtralizza l-effikacja ta` klawsola arbitrali, imma intiza biss biex tassigura li jkunu l-qrati civili li jkollhom il-gurisdizzjoni li jirregolaw il-mod kif tali klawsoli arbitrali kellhom jigu mhaddma u dana billi jkollhom il-poter li jaghmlu tajjeb u jaghtu direttivi fil-kaz li jkun hemm lakuni jew diffikultajiet fil-mod kif tali klawsoli kellhom jigu proceduralment imhaddma fil-prattika." (ara wkoll – fejn rilevanti ghall-kaz tal-lum – "Malta Shipyards Ltd. vs VPJ Ltd" deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta` Novembru 2012. Ara Cobra Installations Limited v Stephen Caruana - App.Inf. GC 8 ta' Novembru 2013).*

*Bl-emendi tal-1995, dak li fil-prattika kien isir mill-qrati taghna sar ligi.*

*Il-qrati taghna hadu linja fis-sens illi ghalkemm jirrispettaw dawk il-klawsoli arbitrali, il-qrati kellhom gurisdizzjoni konkorrenti bid-dritt li jissindakaw l-ezekuzzjoni tal-klawsoli arbitrali (Qorti tal-Appell : "Xuereb vs Accountant General" : 28 ta` Frar 1997 ; u PA/GCD : "Cefai noe vs Valletta Freight Services Limited" fost ohrajn).*

*Fis-sentenza George Xuereb vs Accountant General et datata 28 ta' Frar 1997, il-Qorti ta' l-Appell kienet enuncjat illi:*

*"naturalment dan ma jfissirx li l-klawsola arbitrali fejn tapplika tista' tigi reza bla ebda effett bis-semplici rikors lil dawn il-Qrati. Ifisser pero`, li din il-Qorti ghandha l-gurisdizzjoni originali u "overiding" li tissindika wkoll l-applikazzjoni ta' l-ezekuzzjoni ta' dawn il-klawsoli arbitrali."*

*Illi l-applikazzjoni ta' dawn il-konsiderazzonijiet generali trid issir fl-isfond tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta li huwa lex specialis li jirregola l-arbitragg f'Malta. Skont l-artiklu 7 tal-Model Law tal-UNCITRAL addottat b'din il-Ligi "Ftehim ta' arbitragg" huwa ftehim bejn il-partijiet li jissottomettu ghal arbitraġġ kull tilwima jew xi tilwim li jkunu tnisslu jew li jistgħu jitnisslu bejniethom ghar-rigward ta' relazzjoni legali definita, sew jekk kontrattwali sew jekk le. Ftehim ta' arbitragg jista' jkun fl-ghamla ta' klawsola ta' arbitragg jew fl-ghamla ta' ftehim separat.*

*Il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inf.) fil-kaz Cobra Installations v Stephen Caruana, fuq citat, kellha okkazzjoni li tinterpreta l-artiklu 742(3) tal-kap. 12*

*fid-dawl tal-artiklu 15(3) tal-Kap. 387 u affermat il-gurisdizzjoni konkorrenti tal-Qrati ordinarji ta' Malta f'dawn it-termini:*

*"L-imsemmija disposizzjonijiet kjarament jiddisponu li l-Qorti ordinarja ghandha dejjem kompetenza li tiddeciedi kwestjonijet relatati ma ftehim li jinkorpora fih klawsola arbitrali. Ghalhekk klawsola arbitrali ma teskludix il-kompetenza tal-qorti ordinarja anke jekk ikun gia nbeda procediment quddiem l-arbitragg. Inoltre l-qorti tista' tghati kwalunkwe ordni li jidhrilha xierqa fir-rigward tal-istess arbitragg. Jidher li l-ghan tal-imsemmi artikolu 742(3) hu li tigi enfasizzata r-regola li fi kwalunkwe kaz hi dejjem il-qorti ordinarja li hi fdata bl-interpretazzjoni bit-thaddim ta' klawsola arbitrali. Hawnhekk ir-rwol tal-qorti principalment hu regolatorju pero' ghandha ukoll il-kompetenza li tiddeciedi kwestjoni li jistghu jkunu koperti mill-klawsola arbitrali." '*

Fl-aħħar nett il-Qorti tagħmel referenza għal dak li intqal mill-awturi dwar dan is suġġett u cioe' li '*all participants-parties, counsel, arbitrators, arbitral institutions have an interest in ensuring that arbitration delivers the various advantages associated with it, notably speed, economy, informality, technical expertise, and avoidance of national fora, while producing awards that withstand judicial challenge and otherwise enjoy legitimacy. National courts play a potentially important policing role in this regard. Most jurisdictions have committed their courts to do all that is reasonably necessary to support the arbitral process'* (ara **'The Gateway Problem in**

**International Commercial Arbitration' ppublikat fil-ġurnal 'The Yale Journal of International Law' Volume 37 Issue 1 January 2012).**

L-artikolu 742(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa propju maħsub li jsostni dan l-appoġġ għar-rikors tal-partijiet għas-sistema alternattiva għar-riżoluzzjonijiet ta' litiġi, minflok dik konvenzjonali li joffru l-Qrati ordinarji. B'dana kollu, dan ma jfissirx illi l-Qrati qegħdin jabdikaw mid-dmir tagħhom li jissindikaw l-użu tal-arbitraġġ bħala għodda alternattiva jew li addirittura, jekk ikun jidhrilhom, fil-parametri li tippermittilhom il-liġi, saħansitra jsostnu il-ġurisdizzjoni tagħhom anke fuq is-sustanza tal-litiġju.

*Ħajja awtonoma tal-klawzola arbitrali*

Ikun utli li jiġi ukoll determinat, jekk it-temm tal-ftehim, iġibx miegħu ukoll it-tmien tal-klawsola arbitrali, għall-kwistjonijiet li jinħolqu wara li s-servizz ikun ingħata. Fi ftit kliem ifissirx li kuntratt li jkun jiddisponi għall-arbitraġġ, hux f'sens legali fis-sewwa żewġ kuntratti. Dak li jirregola d-drittijiet u obbligazzjonijiet sostanzjali tal-partijiet in eskuzzjoni tal-kuntratt u kontemporanjament ukoll kuntratt ta' arbitraġġ, li jibqa' jirregola fid-dritt l-konsegwenzi wara li kuntratt ikun ġie esegwit fit-totalita' tiegħu.

F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għal każ ingliż fl-ismijiet **Heyman and Another v Darwins Limited** li kien l-ewwel każ fejn ġiet applikata d-dottrina ta' separabilita' fir-Renju Unit, il-House of Lords *sab li: " When an arbitration clause in a contract provides without any qualification*

*that any difference or dispute which may arise 'in respect of' or 'with regard to' or 'under the contract' shall be referred to arbitration, and the parties are at one in asserting that they entered into a binding contract, the clause will apply even if the dispute involves an assertion by one party that circumstances have arisen ,whether before or after the contract has been partly performed, which have the effect of discharging one or both parties from all subsequent liability under the contract such 3 H.L.(E) ,1941 as repudiation of contract by one party accepted by the other, or frustration of contract."* (ara ukoll **English Harbour Assurance v Kansa General International Insurance** u kif ukoll **English Harbour Assurance v Kansa General International Insurance Co**).

Dan it-tagħlim kien adottat u rifless fil-liġijiet tagħna. Di fatti artiklu 32(2) tal-Kap 387 jiddisponi li: *"(2) It-tribunal tal-arbitraġġ ikollu s-setgħa jiddeċiedi dwar l-eżistenza jew il-validità tal-kuntratt li klawsola ta' arbitraġġ tkun tinsab fih. Għall-għanijiet tal-artikolu 32, klawsola ta' arbitraġġ li tinsab f'kuntratt u li tkun tipprovdi għal arbitraġġ skont din il-Parti <u>għandha titqies bħala ftehim indipendenti mill-patti l-oħra tal-kuntratt.</u> Deċiżjoni mit-tribunal tal-arbitraġġ li l-kuntratt ikun null u bla effett ma għandhiex tkun tfisser ipso jure li l-klawsola ta'arbitraġġ tkun invalida ukoll."* (kliem sottolinejat ta' din il-Qorti).

Għalhekk wara li eżaminat il-ftehim fuq imsemmi, partikolarment klawsola 1.7, il-Qorti ma għandha ebda diffikulta biex tasal għall-konklużjoni li dan

huwa wkoll applikabbli għal każ odjern. Il-kwistjoni fil-qalba tad-dibbatitu li għandha quddiemha din il-Qorti, jrid ikun ikkunsidrat, mhux jekk għandhiex ġurisdizzjoni, l-anqas jekk il-klawsola arbitrali inkwistjoni tilfitx l-applikabbilita` tagħha, iżda jekk il-kwistjoni per se hiex waħda minn dawk li trid tkun determinata fid-dawl ta' dak li tipprovdi l-klawsola fuq imsemmija.

*__Id-disputa odjerna u l-klawsola arbitrali__*

Kif diġa' aċċennata permezz ta' klawsola 1.7 tal-ftehim tat-2 ta' Lulju 2019 il-partijiet ftehmu fl-ewwel lok, li l-liġi Maltija hija dik applikabbli. Bl-ewwel paragrafu stabbilew x'għandha tkun "*the proper law of the contract*". Fit-tieni lok li "*in the event that any disputes in relation to the correct application, interpretation and construction of this Agreement, they shall endeavour to reach an amicable solution thereto and in the event that this is not possible, the parties undertake to resolve any such dispute be recourse to arbitration as provided under Cap. 387 of the laws of Malta."* Fit-tieni parti għalhekk jistabilixxu meta vertenza għandha tkun determinata minn arbitraġġ u mhux mill-Qrati ordinarji.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax li din il-parti tal-ftehim ma hiex redatta daqstant b'mod feliċi. B'dana kollu, waqt it-trattazzjoni irrisulta li l-partijiet qegħdin jillimitaw il-kontenzjoni għall-kelma "application". L-Attriċi tikkontendi li allura ma hemmx lok għall-arbitraġġ, għaliex ma hemmx fin-nofs l-applikazzjoni tal-kuntratt, iżda addirittura r-rexxisjoni tiegħu, abbażi li qed tkun esperita l-azzjoni redibitorja. Minn naħa l-oħra, is-Soċjeta'

konvenuta tinsisti li dak li qiegħed jintalab mill-Attriċi huwa konsegwenzjali għall-kuntratt. Kwindi bl-argument tal-awtonomija tal-klawsola arbitrali u għaliex ukoll, li sabiex ikunu eżaminati t-talbiet attriċi ta' bil-fors irid ikun hemm indaġini jekk ix-xogħol sarx sewwa, b'mod li din il-Qorti trid tara jekk kienx hemm "correct application" tal-ftehim.

Il-Qorti tibda biex tissolleva li fi klawsola 1.0 tal-ftehim jingħad li *'"completion" shall mean that date when the services are fully completed including finishes as certified by the engineer.'* Għall-inqas ai fini ta' din il-proċedura, ma jidhirx li hemm kontestazzjoni li x-xogħolijiet ma sarux kollha, tant li qed tkun eżerċitata l-azzjoni redibitorja. Azzjoni li tista' tiġi eżerċitata wara l-konsenja tal-oġġett jew servizzi reżi fit-totalita' tagħhom, mill-venditur/appaltatur lix-xerrej/kommissjonant. Fil-fatt artikolu 1424 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li "*Il-bejjiegħ hu obbligat jagħmel tajjeb għad-difetti li ma jidhrux* <u>*tal-ħaġa mibjugħa*</u> *illi jagħmluha mhux tajba għall-użu li għalih hija maħsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur tagħha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz iżgħar, li kieku kien jaf bihom".* (Emfażi ta' din il-Qorti). Dan ifisser għalhekk li l-bejgħ ikun sar u mhux għadu ser isir u jew qiegħed fil-kors li jsir bħal meta l-bejgħ jkun jikkonsisti kemm f'oġġetti mobbli u f'servizzi anċillari bħal ma hija installazzjoni.

Il-Qorti tkompli tqis li l-partijiet espressament jagħmlu użu mill-kelma *dispute* fil-klawsola 1.7. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għal dak l-artikolu 15(2) tal-Kap 387 tal-Liġijiet ta' Malta li *"Għall-għanijiet ta' dan*

*l-Att, <u>tilwima</u> tinkludi kull kontroversja jew pretensjoni li titnissel mill-ftehim jew li jkollha x'taqsam miegħu, jew il-ksur jew it-temm jew l-invalidità tal-ftehim jew in-nuqqas ta' tħaris tal-ftehim".* ( Emfażi tal-Qorti). Fit-test ingliż il-kelma użata hija bħal dik fil-ftehim *dispute.*

Fil-kawża li għandha quddiemha l-Qorti, dak li qed jintalab huwa r-rexxisjoni u mhux it-terminazzjoni tal-kuntratt. X'jikkostitwixxi terminazzjoni huwa espressament definit, każ b'każ, fi klawsola 1.14 tal-ftehim. L-azzjoni ttentata mill-Attriċi ma hiex waħda minn dawk elenkati. Di piu' l-azzjoni redibitorja, għalkemm tassew tirrifletti fuq l-oġġett mibjugħ, ma jistax jingħad li tirrigwarda xi obbligi naxxenti minn kuntratt. L-azzjoni redibitorja hija mogħtija lix-xerrej ex lege bis-saħħa tal-artikolu tal-Kodiċi Ċivili fuq imsemmi. Għalhekk fis-sewwa ma jistax jingħad li dak li qed ikun eżerċitat mill-Attriċi huwa xi dritt mogħti lilha mill-ftehim imsemmi, iżda huwa dritt mogħti lilha mill-liġi. Għalhekk ma jistax jingħad li hija kontroversja jew pretensjoni titnissel mill-ftehim. Di fatti din ix-xorta ta' garanzija meta ma tkunx eskluża hija impliċitament dejjem applikabbli.

Imbagħad hemm punt ieħor li għandu jkun ikkunsidrat. Apparti dak li intqal aktar 'l fuq, il-kelma "*application*" fi klawsola 1.7 tal-ftehim, għandha tinftiehem fil-kuntest tal-istess klawsola u tal-ftehim kollu. Il-Qorti ma taqbilx li din il-kelma għandha tinftiehem li tfisser eżekuzzjoni tal-kuntratt. Għandha tingħata tifsira fil-ġeneru ta' kliem użat mill-partijiet f'dik il-klawsola u cioe' fil-kuntest ta' "*<u>interpretation and construction</u> of this*

*agreement*". Il-kuntest tal-kliem jirreferi għal mod kif għandu jinftiehem il-ftehim u mhux għal mod kif għandu jkun eżegwit. Di fatti f'diversi brani tal-ftehim, il-partijiet jagħmlu użu minn kliem bħal - "*completion*", "*execution*" jew "*performance*" (ara klawsoli 1, 1.3, 1.6, 1.8, 1.14, 1.15). Il-kelma "application" ma tintuża imkiem ħlief fi klawsola 1.17.

F'dan is-sens huwa ironiku, li sabiex din il-Qorti tifhem klawsola 1.17 qed ikollha tirrikori għall-mezzi li tagħtiha l-liġi biex tinterpreta klawsola intiża li tkun vejikolu ta' interpretazzjoni. Aspett ieħor li jkompli jippuntwalizza l-mod xejn feliċi ta' kif ġiet redatta din il-klawsola. Għalhekk il-Qorti tirreferi għal dak li jiddisponi artikolu 1008 tal-Kodiċi Ċivili u cioe': *Il-klawsoli kollha ta' kuntratt jitfissru l-waħda bl-oħra, billi lil kull klawsola jingħata s-sens illi jidher mill-att kollu.*

Ir-regola bażika ta' l-interpretazzjoni hi, li meta l-kliem ta' ftehim l-interpretazzjoni tiegħu tistrieħ fuq dawk il-kliem li huwa ċar ma għandniex noqogħodu fuq konġetturi. B'danakollu, illi l-prinċipji ta' l-ermenewtika kontrattwali, imnissla mill-ġuriskonsult Ruman Paulus u miġbura mill-Pothier, jipprovdu wkoll, illi meta s-sens letterali tal-kelma ma jaqbilx ma' l-intenzjoni tal-partijiet, għandha tipprevali l-intenzjoni. Fi ftit kliem "*non mens verbis sed verba menti servire debent*" (Ara **Sentenza fl-ismijiet "Dr. Joseph Vella Galea -vs- Joseph Vella", Appell Ċivili, 1 ta' Lulju 1985**).

Għalhekk din il-Qorti hija konvinta li l-partijiet, bil-kelma "application" mhux wisq riedu jifhmu eżekuzzjoni jew twettiq, tal-kuntratt, iżda kelma oħra bħal

dawk imsemmija fl-istess klawsola, fl-ispirtu astratt tagħha ta' kif għandu jkun kostruwit il-ftehim u cioe' mifhum. Dan ifisser, li dak li qed titlob l-Attriċi ma hux milqut mill-klawsola 1.17 u li konsegwentement seta' jwassal lil din il-Qorti li tagħmel dak li jitlob minnha l-artikolu 15(3) tal-Kap 387 tal-liġijiet ta' Malta.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant, din il-Qorti qegħdha għar-raġunijiet fuq imsemmija, tiddeċiedi r-rikors tas-Soċjeta' Konvenuta tas-17 ta' Frar 2021 billi tiċħad it-talbiet kollha kontenuti fl-istess rikors.

Il-Qorti qed tordna il-prosegwiment tal-Kawża.

Spejjes a karigu tas-Soċjeta' Konvenuta.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**